MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2010

Numru 21/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**John Attard**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 21 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat John Attard, li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel u l-Uniku Kap illi fl-ghaxra (10) ta' Awissu, tal-elfejn u wiehed (2001) ghall-habta tal-ghaxra neqes kwart ta' filghaxija (9.45 pm) Fortunata Spiteri, li kienet Gwardjana Lokali, giet aggredita fi Triq ir-Rabat, l-Gharb Ghawdex, minn diversi persuni fosthom John Attard armati bi skieken. Illi dan sar bhala tpattija talli Fortunata Spiteri kienet qed taghmel id-dover taghha bhala Gwardjana Lokali. F'mument minnhom John Attard flimkien ma ohrajn, ta diversi daqqiet ta' sikkina lil Fortunata Spiteri dolozament bil-hsieb li joqtol lill-istess Fortunata Spiteri jew li jqieghedilha

l-hajja taghha f'perikolu car, u fil-fatt ikkagunalha l-mewt. Wara dan telaq minn fuq il-post ma shabu.

Illi b'ghemilu l-imsemmi John Attard sar hati t'omicidju volontarju u cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi John Attard hati ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 211(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b' sebgha (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat John Attard mhux hati tal-Ewwel u l-Uniku Kap tal-Att tal-Akkuza bhala awtur izda bhala komplici.

Tiddikjara ghalhekk lil John Attard mhux hati talli fl-ghaxra (10) ta' Awissu, tal-elfejn u wiehed (2001) ghall-habta tal-ghaxra neqes kwart ta' filghaxija (9.45 pm) fi Triq ir-Rabat, l-Gharb Ghawdex, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt, bhala awtur izda ssibu hati bhala komplici fl-istess delitt.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati, esebita mill-Prosekuzzjoni w ezaminata mid-Difiza.
Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Lara Lanfranco**, li jinsabu kollha registrati w cioe':-
Illi m'hemmx differenza fil-piena bejn l-awtur u l-komplici. Dana kien qtil brutali fuq persuna illi kienet qed taqdi d-doveri taghha w ghax dan kienet qed taghmlu sew u

efficjenti kellha ssib ruhha maqtula b'dan il-mod brutali w kiefer. Kien delitt illi kexkexx lill-Ghawdex kollu w l-Qorti trid taghti messagg car u inekwivoku illi reati bhal dawn jkunu puniti severament bis-sahha kollha illi l-ligi tirrikjedi u ghalhekk talbet l-ghomor il-habs.

B'referenza ghall-fedina penali tidher illi l-hati ghandu attivita' kriminuza li beda fin-1968 sa din is-sena stess. Ghandu wkoll reat serju hafna li jmur lura sas-17 ta' Ottubru 1975 fejn insab hati ili kkaguna l-mewt ta' missieru w ghalhekk mhux talli ghandu fedina penali refrettarja hafna izda wkoll illi huwa recidiv u l-Qorti trid tiehu dan fil-konsiderazzjonijiet taghha.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Simon Micallef Stafrace**, li tinsabu registrata w cioe:-

Illi ma nistghux niehdu dan il-kaz b'emozzjoni.

Il-kwistjoni tal-fedina penali mihiex wahda li tikkrea hafna emozzjonijiet peress illi l-maggoranza kbira tar-reati huma kollha assocjati max-xoghol tieghu bhala xufier tax-xarabank. Fi kwalunkwe kaz, ir-recidiva mihiex qeghda fl-Att tal-Akkuza w allura l-Qorti ma tistax tiehu konsiderazzjoni taghha w lanqas m'ghandha taghti importanza ghal reat li gara tlieta w hamsin sena ilu u l-hati m'ghandux jibqa jgorru ghall-bqija ta' hajtu.

Veru illi l-komplicita' ghandha l-istess konsegwenzi bhall-awtur, pero' ladarba l-gurati ddikjaraw illi Attard ma kienx hati ta' omicidju volontarju izda ta' komplicita' fl-istess reat, trid thares lejha b'lenti differenti wkoll il-ghaliex il-komplicita' tieghu f'dan id-delitt hija vaga w ma tistax tiskarta l-element ta' dubju.

Il-Qorti ma tistax tahrab mill-fatt illi kien hemm element ta' biza' li mmanifestat ruhha fil-hati li geghlitu jimxi mal-awtur fil-kommissjoni ta' dan ir-reat.

Il-gurati kitbu biss tlett linji izda hemm hafna hsieb wara dawk it-tlett linji w l-Qorti trid tqies il-fatt li l-gurati ma kienux unanimi u damu hafna biex jiddeliberaw kwazi

tlieta w ghoxrin siegha sabiex waslu b'verdett sebgha bi tnejn, sinjal illi dana kien hemm dubju u certa incertezza fl-argumenti taghhom u cioe' illi emmnu li kien hemm l-involviment, pero' mhux bhala awtur izda biss bhala komplici illi ghandu jimmilita' favur il-hati.

Il-ligi tippreskrivi minimu u massimu u darba kien hemm zewg gurati li ghalihom Ganni Attard ma kienx hati allura l-Qorti trid taghti rikonoxximent tax-xoghol taghhom ukoll billi ma jinghatax fil-massimu. Dana ghax kien hemm element ta' incertezza li jwassal ghal dana l-komplicita'.

Il-piena ghandha tirrifletti c-cirkostanzi mhux biss ic-cirkostanzi tal-qtil imma c-cirkostanzi tal-ligi u ma taccettax it-talba tal-prosekuzzjoni ghal ghomor il-habs biex tirrispetta l-volonta' taz-zewg gurati li ma sabitux hati u l-volonta' tal-ligi illi tirrikjedi minimu u massimu.

Il-Qorti trid dejjem izzomm f'mohha illi r-reat ta' omicidju wahdu ma giex ippruvat u ghalhekk dana ghandu jirrifletti fl-ghoti tal-piena illi zgur m'ghandhix tkun ghomor il-habs.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti taghmilha cara illi ma taqbilx ma dan l-argument tad-difiza w aktar tinklina favur l-argument tal-prosekuzzjoni.

Minn ezami akkurat tal-fedina penali tal-hati jidher illi dana ghandu karattru refrettarju ghall-ahhar. Hajtu kollha jisfida lill-awtorita' w jidher illi huwa aktar propens jaghmel li jrid, meta jrid u kif irid. Il-fatt illi hafna mir-reati w kontravenzjonijiet li jidhru fil-fedina penali huma marbuta max-xoghol tieghu turi ukoll illi anki hemmhekk il-hati ghandu nuqqas ta' dixxiplina kbira w ma jimpurtahx mir-regolamenti u l-komportament tieghu mal-pubbliku.

Din il-vina tibqa' ssegwi lill-hati tul hajtu kollha bi sfidi kontinwi lejn l-awtorita' w is-socjeta' biex wasal ukoll biex ikkommetta dak ir-reat serju fin-1975.

Huwa veru illi l-hati mhuwiex addebitat bir-recidiva w l-Qorti mhijiex sejra tikkonsidra dan, pero' ma tistax twarrab ir-responsabbilita' taghha w tara illi s-socjeta' civili onesta tkun imwarba minn elementi distabbilizzanti bhal ma hu l-hati. Ghamel bizzejjed sfidi lejn is-socjeta' w issa wasal iz-zmien illi s-socjeta' tiehu f'idejha r-rigni u tara illi l-hati ma jkunx aktar ta' theddid ghas-sigurta' w l-paci taghha. Il-komplicita' tieghu f'dan id-delitt huwa "the last straw" u issa l-gustizzja trid tara illi l-hati ma jergax ikollu opportunita' ohra illi jwettaq xi reat jew delitt bi sfida lejn is-socjeta' li taghha jaghmel parti.

Ghalhekk ladarba l-hati kkalpesta d-drittijiet tas-socjeta' w ma tahx kaz u ma impurtahx mill-hsara illi ghamillha, mhux il-kaz li issa s-socjeta' turih xi hniena w ghandha tirrispondih bl-istess mizura illi l-hati aggixxa maghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 42(a)(b)(c)(d)(e), 43 b'referenza ghall-artikolu 211(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati John Attard ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru - kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' sitt elef, mitejn u sitta w sittin Euro u disgha' w erbghin centezmi (€6266.49) rapprezentanti l-ispejjez totali tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------